**Prim' Awla tal-Qorti Ċivili**

**Imħallef**
**Onor. Robert G. Mangion**

**Seduta tas-26 ta' Settembru, 2023**

**Kawża Numru: 1**

**Rik. Ġur. 64/2020 RGM**

**Benjamin Spiteri**

**vs.**

**Maria Refalo**

**Il-Qorti**

1. L-attur ippreżenta rikors ġuramentat fil-21 ta' Jannar 2020 fejn fisser li l-kontendenti għamlu diversi snin f'relazzjoni li ntemmet fis-sena 2019. Fisser li l-konvenuta hija sid tal-proprjetà bl-indirizz Flat 3, Lelnin, 129 ,Triq Wied il-Għajn, Żabbar u matul ir-relazzjoni huwa żborsa s-somma ta' €31,603.62 għax-xiri ta' għamara u oġġetti mobbli sabiex jarreda u jrendi abitabbli l-proprjetà imsemmija. Wara li temmew ir-relazzjoni, l-attur ma baqax jgħix jew jagħmel użu mill-proprjetà iżda l-konvenuta ma kkumpensatux għall-għamara u l-oġġett mobbli mixtrija minnu u lanqas ma ritornat dawn l-oġġetti mobbli li m'humiex fissi fil-proprjetà. Ippremetta li nonostante li saru diversi talbiet da parti

tiegħu, anke permezz ta' ittra uffiċjali, il-konvenuta baqgħet inadempjenti u kien għalhekk li ressaq din l-azzjoni fejn talab lil din il-Qorti:

"1. Tiddikjara li r-rikorrent sborsa s-somma komplessiva ta' €31,603.62, jew somma verjuri, ghax-xiri ta' ghamara u oggetti mobbli sabiex jarreda u jrendi abitabbli l-proprjetà tal-intimiata bl-indirizz Flat 3, Lelnin, Nru. 129, Triq Wied il-Ghajn, Zabbar;

2. Tiddikjara li l-intimata ma rrestitwietx l-ghamara u l-oggetti mobbli msemmija u lanqas ma halset lir-rikorrent il-valur taghhom;

3. Tikkundanna lill-intimata sabiex thallas il-valur tal-ghamara u l-oggetti mobbli msemmija fis-somma ta' €31,603.62, jew somma verjuri, jew alternattivament, u limitatamanet in kwantu ghal dawk l-oggetti li mhumiex fissi u parti integrali mill-proprjetà, tordna lill-intimata tirrestitwihom lir-rikorrent fi zmien qasir u perentorju a spejjez tal-intimata.

Bl-ispejjez, inkluz tal-ittra uffixjali bin-numru 4678/19 u tal-mandat ta' sekwestru intavolat kontestwalment ma' din il-kawza, bl-imghaxijiet kontra l-intimata ingunta in subizzjoni."

2. B'risposta ġuramentata tal-20 ta' Frar 2020 il-konvenuta rrispondiet li hija taqbel mal-attur li kienet f'relazzjoni miegħu għal diversi snin u li Benjamin Spiteri sborża ammont ta' flus sabiex inxtrat xi għamara fil-proprjetà tagħha. Però hija tgħid li ma taqbilx mal-ammont iddikjarat minnu u dan għaliex l-attur ma ssottometta ebda rċevuta li turi tali ammont, kif ukoll għaliex l-attur għamel użu personali mill-għamara mixtrija waqt li dan kien joqgħod magħha u għalhekk il-valur tal-għamara minn meta kienet mixtrija għal-lum il-ġurnata naqset. Eċċepiet li l-għamara mobbli li xtara l-attur jista' jeħodha u dan għaliex m'hijiex fissa. In oltre tgħid li l-attur kien jgħix magħha mingħajr ma kien iħallas

l-ebda kera jew parti mis-self li l-konvenuta kienet għamlet sabiex xtrat il-fond. Tgħid li huwa għalhekk li hija qiegħda tippreżenta kontro-talba fir-rigward.

3. Rat li l-konvenuta ppreżentat kontro-talba fejn ppremettiet li l-attur rikonvenzjonat kien joqgħod fil-proprjetà tagħha flimkien magħha u tul iż-żmien li għamel jgħix magħha huwa qatt ma ħallas ebda kera jew kumpens mil-loan tal-post liema ammont huwa ta' €8,400. Tgħid li huma kienu ser jiżżewġu u r-ikonvenzjonanta ħallset l-ammont ta' €6,000 bħala depożitu, liema ammont qatt ma ġie mogħti lilha mir-rikonvenzjonat. Huwa għalhekk li hija qiegħda titlob lil din il-Qorti

> "1. Tiddikjara u tiddiecidi illi r-rikonvenzjonanta sborsat s-somma ta' €6,000 bhala depozitu ghat-tieg li kellu jsir bejn il-partijiet;
>
> 2. Tiddikjara u tiddeciedi illi r-rikonvenzjonat ghandu jhallas l-ammont ta' €8,400 bhala kumpens lir-rikonvenzjonanta ghaz-zmien li dam jghix maghha;
>
> 3. Tikkundanna lir-rikonvenzjonat ihallas lir-rikonvenzjonanta is-somma ta' €14,400 bhala l-valur totali hawn fuq imsemmi, jew somma verjuri.
>
> Bl-ispejjes kollha, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali inkluz spejjez legali extra-gudizzjarji u bl-interessi legali sad-data ta' l-effettiv pagament kontra r-rikonvenzjonat."

4. L-attur rikonvenzjonat ippreżenta r-risposta tiegħu fid-9 ta' Marzu 2020 fejn ippremetta li m'huwiex minnu li l-konvenuta rikonvenzjonanta sborżat l-ammont ta' €6,000 bħala depożitu għat-tieġ u dan għaliex fil-verità l-kontendenti ħarġu €3,000 kull wieħed. Fir-rigward għall-ħlas tal-kera jew tal-loan, l-attur rikonvenzjonat jeċċepixxi li l-konvenuta aċċettatu f'darha meta kienu f'relazzjoni flimkien u fl-ebda stadju tar-relazzjoni ma pretendiet xi ħlas u għalhekk m'għandha l-ebda jedd legali għall-ħlas tal-kera jew għal pagamenti relatati mal-faċilita bankarja li għandha f'isimha.

5. Rat il-provi kollha li ressqu l-partijiet.

6. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur ippreżentata fis-6 ta' Jannar 2023[1] kif ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuta ppreżentata fis-16 ta' Marzu 2023[2]

7. Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat

**Provi**

8. L-**attur Benjamin Spiteri** xehed permezz t'affidavit fejn spjega li ftit xhur wara li l-partijiet bdew joħorġu flimkien, fuq suġġeriment tagħha, bdew jgħixu flimkien fil-fond Flat 3, Lelnin, Nru 129. Triq Wied il-Għajn, Żabbar. Spjega li qabel ma sar jafha huwa kien fuq konvenju sabiex jakkwista fond ġewwa Buġibba, però billi bdew jgħixu flimkien huwa kien issuġġerixxa li minflok jixtri l-imsemmi post, huwa joħroġ l-ispejjeż kollha li kien hemm bżonn għal *furnishings* u dan stante li kien prattikament vojt għajr għal xi għamara li kienet iddubbat mingħand xi qraba. Jgħid li l-konvenuta Maria Refalo kienet kuntenta b'din il-proposta u aċċettat u kien għalhekk li waqqa' l-konvenju li kellu. Jgħid li huma kienu ftehmu li f'każ li r-relazzjoni tintemm għal kwalunkwe raġuni, hija kienet ser tirrifondi lura l-ispejjeż kollha li jkun ħareġ. Jgħid li l-ħsieb kien li dan il-ftehim isir bil-miktub iżda baqa' ma sarx u baqgħu bil-ftehim verbali. Spjega li l-għamara u l-affarijiet li xtara kien ordnahom fil-presenza tagħha u jgħid li ħafna mid-deċiżjonijiet dwar materjali, kuluri, eċċ, għażlithom hija stess. Mal-affidavit huwa ppreżenta diversi rċevuti tal-għamara u l-affarijiet kollha li kienu nxtraw biex jarmaw il-fond imsemmi:

[1] Fol 183 et seq tal-proċess.
[2] Fol 191 et seq tal-proċess.

a. Kċina u *tv unit* (€22,200)

b. *Appliances* (€4,000)

c. Għamara oħra (€1,230)

d. Sufan (€3,470)

e. Aperturi (€469.08 – dan huwa terz l-ammont fuq l-irċevuta għaliex iż-żewġ terzi l-oħra tħallsu mis-sidien tal-appartamenti l-oħra)

f. Intercom (€327.25 – nofs l-ammont fuq l-irċevuta billi n-nofs l-ieħor tħallas mis-sidien tal-appartamenti l-oħra)

Jgħid li b'kollox huwa nefaq €31,696.33 u mhux €31,603.62 kif erronjament hemm fir-rikors promotur. Mal-affidavit ippreżenta *statements* mill-kont konġunt tagħhom li juru li apparti l-ispejjeż surreferiti, huwa kien joħroġ €100 fix-xahar għall-ikel u ħwejjeġ oħra ta' kuljum. Jgħid li huwa għamel ħafna xogħol manwali fil-post, inkluż xogħol ta' plumbing, kisi u tibjid, anke fil-partijiet komuni fil-blokka. Jgħid li huwa installa l-*intercom system* għall-appartamenti kollha tal-blokka u wkoll għas-salon tagħha li qiegħed fit-terran tal-istess blokka. Jgħid biex għamel dan ix-xogħol huwa ħa l-*unpaid leave* però jispjega li b'din il-kawża huwa m'huwiex qiegħed jitlob l-ebda kumpens għal dan it-telf ta' qligħ. Jgħid li l-konvenuta temmet ir-relazzjoni tagħhom fis-17 ta' Mejju 2019 u talbitu joħroġ mill-post.

9. B'affidavit ulterjuri spjega li l-għamara u l-mobbli mixtrija minnu ġew intsalati f'Lulju 2017 filwaqt li r-relazzjoni tagħhom ġiet fi tmiemha f'Mejju 2019 u għalhekk ftit li xejn gawda l-għamara filwaqt li Maria Refalo għadha tgawdi l-għamara sal-lum. Fir-rigward tad-dikjarazzjoni tal-konvenuta li l-għamara li mhux fissa jista' jeħodha ix-xhud jgħid hekk:

> "[...] jidher li Maria Refalo qed tirreferi ghas-sufan, ghall-mejda tal-ikel, ghall-coffee table, u zewg stools tal-kcina. Madankollu jien ma nhossx illi huwa rimedju adegwat li jien niehu lura dawn l-oggetti, l-ewwel lok ghaliex Maria ilha ghal dawn l-ahhar

sena u nofs taghmel uzu minnhom hija biss, u f'kull kaz, dawn l-oggetti, ghalkemm mhux fissi, kienu ordnati biex jaqblu mal-ambjenti tal-proprjetà taghha, fosthom mal-kcina u mal-wallunit li huma fissi."[3]

In kontro-eżami l-attur jgħid li r-relazzjoni ma' Maria Refalo kienet waħda tajba, kien biss lejn l-aħħar li huma marru għall-għajnuna għand *counsellor*. Dwar id-deċiżjoni ta' min kienet li jmorru jabitaw flimkien, ix-xhud jgħid li kienet deċiżjoni tat-tnejn u jikkonferma li huwa kien qabel li jmur jgħix fil-fond ta' Maria Refalo. Jikkonferma wkoll li meta ltaqa' magħha, hija kienet diġà toqgħod fil-fond tagħha però l-ftit għamara li kien fih kienet waħda li ddubbat. Dwar tikħil, tibjid u plumbing jgħid li kienu lesti però kien hemm bżonn xi alterazzjonijiet meta għamlu l-għamara u kien hemm xi manutenzjoni li kellha ssir. Meta ġie mistoqsi liema kienu dawn ix-xogħlijiet ix-xhud jgħid li huwa bajjad is-saqaf tal-post kollu u kien hemm xi alterazzjonijiet minħabba l-kċina u l-wall unit, u ċioe drain, plumbing u affarijiet li kellhom jinbidlu sabiex isiru skont il-pjanta tal-kċina li kienu għażlu. Meta ġie mistoqsi jekk hux minn jeddu li biddel il-kċina, ix-xhud jgħid li mhux il-każ, u jgħaddi sabiex jgħid li huwa kien fuq konvenju li ħassar u ried ilesti l-fond tal-konvenuta. Huwa jikkonferma li x-xogħlijiet ġewwa l-fond kienu saru minn missier u ħut il-konvenuta. Però jinsisti li kien hemm manutenzjoni li kellha ssir fosthom is-saqaf li beda jixxaqqaq u dan għaliex ma kienx sar xogħol sew tal-gypsum u kien hemm ukoll mumenti fejn għen lill-missierha meta kien qiegħed jgħaddilha xi ilma fil-fond. Meta ġie mistoqsi x'kienet ir-raġuni li ma sarx il-kuntratt fuq il-konvenju tiegħu x-xhud jgħid li r-relazzjoni ma' Maria kienet għaddejja tajba u kien għalhekk li ddeċieda li jwaqqa' l-konvenju u sabiex jagħmel dak li kien meħtieġ fil-fond tal-konvenuta. Jgħid li meta ffirma l-konvenju huwa ma kienx jafha lil Maria Refalo. Meta ġie mistoqsi jekk il-konvenuta qattx talbitu jinvesti fil-fond, ix-xhud jgħid li le. Meta ġie mistoqsi jekk kienx jaf li l-konvenuta kienet isselfet mill-bank sabiex xtrat il-post l-atur jgħid li kien jaf. Jgħid li huwa kien qalilha li kien lest jikkontribwixxi għall-ħlas lura tas-self però hija ma kinitx aċċettat u ġaladarba hija ma riditx huwa qatt m'għamel repayments tal-loan. Dwar id-depożiti

[3] Fol 59 tal-proċess.

tat-tieġ, ix-xhud jgħid li dak tħallas nofs bin-nofs. Meta ġie mistoqsi jekk id-depożiti tħallsux biċ-ċekk jew flus kontanti, ix-xhud jgħid li l-kċina tħallset b'ċekk u d-depożiti tat-tieġ uħud minnhom ċekk u oħrajn fi flus kontanti.

10. Xehdet permezz t'affidavit il-**konvenuta** Maria Refalo li spjegat li hija ltaqgħet mal-attur għal ħabta ta' Settembru 2016 u tgħid li wara xi żmien li bdew joħorġu flimkien, tgħid li l-attur beda jsibha diffiċli biex joqgħod imur għaliha mill-Qawra u kien għalhekk li fi tmiem il-ġimgħa kien jorqod għandha. Dwar il-konvenju tgħid li hija ma tafx huwiex minnu għaliex hija qatt ma marret miegħu għand in-Nutar u lanqas qatt rat xi dokumenti. Tgħid biss li hija kienet taf li qabel iltaqa' magħha beda jara xi postijiet però tgħid li hija qatt m'għamlitlu pressjoni biex jieqaf ifittex. Dwar il-kuntratt li semma l-attur li kienu ser jagħmlu bejniethom, hija tgħid li mhux minnu. Tgħid li kien Benjamin Spiteri li nsista li jbiddel il-kċina u tgħid li hija kienet tgħidlu li hija kienet komda bil-kċina li kellha. Dwar tibjid, tikħil, madum u affarijiet bħal dawn m'għamel xejn għaliex dawn kienu saru minn missierha u ħutha. Tgħid li kien l-attur li ried ibiddel dak li kien hemm. Tkompli tgħid li r-relazzjoni tagħhom kienet ħażina u li mill-bidu tar-relazzjoni huwa qatt ma kien jgħinha finanzjarjament fil-ħajja tad-dar u tgħid li kien qisu ġo lukanda "tant hu hekk li qatt ma hallas xejn hemm gew u loan dejjem hallastha jien. Ma kontx nipretendi li jhallasili imma ghalinqas li jghin f'xi haga ohra iva"[4]. Il-konvenuta spjegat ukoll x'kienet ir-raġuni għalfejn hija kellha twaqqaf ir-relazzjoni ma' Benjamin Spiteri. Tagħti żewġ raġunijiet primarji; l-ewwel raġuni tagħha hi illi skontha l-attur mill-bidunett ma kienx jagħti l-għajnuna tiegħu finanzjarja u t-tieni illi l-ħajja intima ta' bejniethom kienet ħażina ħafna.

Il-konvenuta xehdet in kontro-eżami u ġiet mistoqsija dwar il-konvenju li kellu l-attur, u tgħid li dak li taf hi huwa li meta bdew joħorġu flimkien kien jgħidilha li ħa jmur jara l-postijiet. Meta ġiet mistoqsija speċifikament jekk hija kinitx taf bil-konvenju, ix-xhud tgħid li iva kienet taf però kien jgħidilha għadu jfittex post. Hija tikkonferma li huma bdew joqgħodu flimkien wara xi żmien li għamlu *weekends* joqgħodu flimkien. Tgħid li

[4] Fol 66 tal-proċess.

kien l-attur li dejjem xtaq li jagħmel xi tibdiliet fil-fond għaliex hija kienet kuntenta bil-mod li kien il-fond. Filwaqt li tikkonferma li kien hemm konsenturi fil-fond u li dawn issewwew mill-attur, tgħid li l-attur kien bajjad biss dik il-biċċa u tiċħad li bajjad is-saqaf kollu. Il-konvenuta tikkonferma li l-attur kien xtara bi flusu l-kċina li tinkludi l-*appliances*, il-mejda tal-ikel u l-*coffee table*, il-*wall unit*, u s-sufan. Tgħid li l-aperturi kienu lesti filwaqt li l-intercom kien xtrah u installah l-attur. Tikkonferma li l-affarijiet hawn imsemmija għadhom fil-proprjetà tagħha u jinsabu f'kundizzjoni tajba. Tgħid li kien hemm xi affarijiet li hija ma ridithomx imma riedhom l-attur bħal per eżempju l-akwarjum li għadu għandha. Tikkonferma li l-kċina u t-tv unit qegħdin għandha u tagħmel użu minnhom hi. Għall-mistoqsija jekk hija tridx li l-kċina u l-wall unit jinqalgħu x-xhud tgħid li le. Għall-mistoqsija jekk hija tridhomx jibqgħu hemm, ix-xhud tgħid "eżatt".[5] Għall-mistoqsija tal-Qorti x'inhi r-raġuni li hija ma tħossx li għandha tħallas tal-affarijiet li għadhom għandha meta r-relazzjoni sfaxxat, ix-xhud tgħid hekk:

> "jiena diga kellhi u kont komda u hu suppost jiftakarni nghidlu jien happy kif jien, li ha taghmel ghax trid inti biex ma jhossux huta barra mill-ilma, dan il-kliem qaluli hu u konna qbilna li mela jbiddel il-kcina ghax kellhi u kont komda, siggijiet kellhi ghax hu qal li lanqas kellhi siggu, kellhi kollox komdu jiena bhal ma jidher, sufan, tv, unit top cupboard, kollox kellhi."[6]

Fir-rigward tat-talbiet tagħha hija tgħid li hija qiegħda titlob €6,000 li ħallset lill-ħwienet bħala depożitu għall-affarijiet tat-tieġ. Magħhom qiegħda titlob €8,400 talli kien jgħix fid-dar għal tlett snin. Tgħid li huwa qatt ma kkontribwixxa għall-ħajja jew xtara affarijiet u lanqas qatt ma kkontribwixxa għall-kontijiet.

In kontro-eżami ġiet mistoqsija dwar l-irċevuti li hija ppreżentat rigwardanti d-depożiti li hija ħallset għat-tieġ. Fuqhom hemm notament u tgħid li dawk in-notamenti

[5] Fol 106 tal-proċess.
[6] *ibid.*

għamlithom hi. Fir-rigward tal-catering, tgħid li tħallas depożitu ta' €2,000 li €1,000 minnhom tħallsu mill-attur. Fir-rigward tar-*wedding reception* tikkonferma li l-attur ħallas €350. Il-Qorti talbet kjarifika ta' x'inhi tippretendi li jħallas l-attur u hija spjegat li hija trid li titħallas dak li ħallset hi u dan għaliex hija kienet ilha tgħidlu biex iwaqqfu l-preparamenti u hu ma xtaqx. Dwar il-ħlasijiet l-oħra tgħid li hija kienet titolbu li jikkontribwixxi għall-affarijiet ta' kuljum. Fir-rigward tal-kera tgħid li hija ġieli qaltlu jikkontribwixxi €400; tgħid li huwa kien jirrispondiha li lanqas ġo lukanda ma jħallas daqshekkk. Tgħid li huwa kien qalilha li ser jitlobha sal anqas ċenteċmu u huwa għalhekk li hija qiegħda titlob il-flus li huma dovuti lilha. Il-konvenuta tinnega li l-attur qatt offra li jħalsilha l-*loan.* Tikkonferma li kellhom *joint account.* Meta ġiet mistoqsija jekk kienx jikkontribwixxi somma ta' flus fix-xahar f'dan il-kont, ix-xhud tgħid iva u tgħid li kien jikkontribwixxi €100 fix-xahar. Meta ġiet mistoqsija jekk kienx jagħmel xirjiet is-supermarkits, ix-xhud tgħid li qatt ma għamel u spjegat li pjuttost hija kienet toħroġ aktar minn €100 għax kienu jieklu għaġin biss biex ma jonfqux.

11. Xehed **Emanuel Refalo**, missier il-konvenuta. Huwa ħalef li l-post mill-bieb ta' barra 'il ġewwa kien għamel ix-xogħol kollu hu inkluż tikħil, madum ta' kullimkien, il-kmamar tal-banju u dan sar qabel bintu ltaqgħet ma' Benjamin. Jikkonferma li bintu kienet toqgħod fil-fond qabel iltaqgħet ma' Benjamin u li fih kellha kollox. Ix-xogħol li m'għamilx hu kien il-gypsum. Jinsisti li ma kien hemm xejn aktar xogħol xi jsir fil-fond. In kontro-eżami għal mistoqsija jekk l-attur għenux f'xogħlijiet żgħar ta' *maintenance*, ix-xhud jgħid li jista' jkun li ta daqqa t'id f'affarijiet żgħar.

Ikkunsidrat;

**Fatti Rilevanti.**

12. Għal ħabta ta' Settembru 2016 il-kontendenti bdew joħorġu flimkien, liema relazzjoni waslet sabiex ftit xhur wara bdew joqgħodu flimkien fil-fond Flat 3, Lelnin 129, Triq Wied

il-Għajn Ħaż Żabbar, proprjetà esklussiva tal-konvenuta. Għall-ewwel bdew joqgħodu flimkien fi tmiem il-ġimgħa; sussegwentement qablu li jibdew jgħixu flimkien anke matul il-ġimgħa. Hemm qbil li meta l-attur beda jikkoabita mal-konvenuta l-fond tagħha kien mgħammar għall-bżonnijiet ta' kuljum, inkluż li kellu kċina u sufan però skont l-attur dawn kienu għamara li ddubbat il-konvenuta u ried li jbiddilhom biex ikunu ġodda. Skont il-konvenuta, l-attur insista li tiġi mibdula l-imsemmija għamara (ċioe l-kċina, is-sufan u tv unit eċċ) sabiex ma jħossux ħuta barra mill-ilma. Il-ħlas ta' dawn saru mill-attur waħdu u fuq dan hemm qbil. Hemm qbil ukoll li kull xahar l-attur kif ukoll il-konvenuta kienu jiddepożitaw rispettivament is-somma ta' €100 f'kont bankarju konġunt.

13. Waqt li kienu qed jikkoabitaw il-partijiet bdew jippjanaw li jiżżewġu f'Awissu 2019 u kien għalhekk li għamlu l-preparamenti meħtieġa inkluż il-ħlas tad-depożiti relativi għaċ-ċelebrazzjoni tat-tieġ. Ġara li waqt il-ko-abitazzjoni imemmija ir-relazzjoni ta' bejniethom ma kenitx sejra tajjeb tant li fis-17 ta' Mejju 2019 l-konvenuta tterminat ir-relazzjoni u l-attur ma baqax jirrisjedi fil-fond flimkien magħha. Il-konvenuta xhedet illi r-raġunijiet primarji li wasluha tittermina r-relazzjoni tagħhom kienu in-nuqqas ta' għajnuna finanzjarja da parti tal-konvenut kif ukoll nuqqasijiet fir-relazzjoni intima tagħhom li l-konvenuta timputhom lill-attur.

14. Bil-kawża odjerna l-attur qed jitlob li jiġi rimborżat dak li huwa nefaq fil-fond tal-konvenuta, skond l-attur ammontanti għas-somma ta' €31,603.62; għalkemm fl-affidavit tiegħu xhed illi s-somma fir-rikors promotur kienet eronjament ikkalkulata u s-somma korretta hija €31,696.33. Min-naħa tagħha l-konvenuta resqet kontro-talba li permezz tagħha qed titlob kumpens ta' €8,400 għaż-żmien li l-attur għamel jgħix magħha rappreżentanti kumpens talli l-attur għex fid-dar tagħha kif ukoll kumpens tal-ispejjeż li kienet toħroġ għall-ħajja fiż-żmien li l-partijiet kienu qed jikkoabitaw. Il-konvenuti rikonvenzjonanti qed titlob ukoll is-somma ta' €6,000 rappreżentanti depożiti mħallsa minnha in konnessjoni mat-tieġ ppjanat li ma seħħx u l-konvenuta tilfet dawk id-depożiti..

Ikkunsidrat;

**Konsiderazzjonijiet legali**

**Koabitazzjoni *De Facto* - Wegħda ta' Żwieġ**

15. Kif rajna, fiż-żmien rilevanti l-partijiet kienu qegħdin sew jikkoabitaw fil-fond residenzjali proprjeta' esklussiva tal-konvenuta kif ukoll qed jippjanaw li jiżżewġu f'data li kienet taħbat circa tlett snin wara li bdew jikkoabitaw.

16. L-azzjoni tal-attur tikkonsisti fl-*actio de in rem verso* fit-termini tal-**Artikolu 1028A tal-Kap. 16** peress li qed isostni illi mat-tmiem tal-koabitazzjoni tal-partijiet huwa għandu jiġi rifuż il-flus li ħareġ sabiex il-fond tal-konvenuta ġie arredat b'għamara ġdida u li issa mhux ser ikun qed igawdiha flimkien mal-konvenuta; filwaqt li l-azzjoni tal-konvenuta rikonvenzjonanti tikonsisti in parte fl-*actio de in rem verso* safejn tirrigwarda l-pretensjoni tagħha li tiġi kkumpensata peress li fiż-żmien il-koabitazzjoni tagħhom l-attur irrisjeda fil-fond tagħha mingħajr ma kien iħallas kera u peress li għall-ħajja kien joħroġ biss €100.00 fix-xahar u hi toħroġ il-kumplemant; kif ukoll qed titlob li titħallas mingħand l-attur danni rappreżentanti d-depożiti li kienet għamlet marbuta mat-tieġ li kien ippjanat u li skond il-konvenuta tħassar tort tal-attur, talba din li għandha tiġi kkunsidrata taħt il-Liġi dwar Wegħdiet ta' Żwieġ (Kap. 5 tal-Liġijiet ta' Malta).

***Actio De In Rem Verso*.**

17. **Artikolu 1028A** (intitolat *Arrikkiment għad-dannu ta' ħaddieħor. Actio de in rem verso*) introdott fil-**Kodiċi Ċivili** bl-Att VIII tas-sena 2007[7] jipprovdi kif ġej:

---

[7] L-Att dwar il-Koabitazzjoni (Kap. 571) applikabbli fiż-żmien rilevanti għall-kawża odjerna ma kien jagħmel l-ebda referenza għall-*actio de in rem verso* f'każ ta' koabitazzjoni *de facto*. Fil-mori ta' din il-kawża dak l-att ġie mħassar

"(1) Min, mingħajr kawża ġusta, jarrikkixxi ruħu għad-dannu ta' ħaddieħor għandu fil-limiti tal-arrikkiment iħallas lura u jikkumpensa għal kull tnaqqis patrimonjali li setgħet sofriet dik il-persuna.

(2) Jekk l-arrikkiment huwa ta' oġġett determinat, dak li rċevih huwa marbut li jagħti lura l-oġġett in natura jekk dan ikun għadu jeżisti fil-mument tat-talba."

18. Ma' dan l-artikolu jrid jinqara l-**Artikolu 1028B** li jipprovdi illi:

"L-*actio de in rem verso* ma tistax tiġi eżerċitata meta min sofra t-telf jista' juża azzjoni oħra sabiex tagħmel tajjeb għad-dannu."

19. L-azzjoni dwar arrikkiment indebitu hija msejsa fuq il-prinċipju li m'huwiex xieraq li persuna tistgħana bi ħsara ta' ħaddiehor (*nemo licet locupletari cum aliena iactura*). Għalhekk, il-limiti tal-azzjoni huma l-qies tal-vantaġġ li t-terza persuna tkun kisbet minħabba l-ispejjeż minfuqa mill-parti oħra u għandha l-mira li terġa' trodd lura dak it-tnaqqis patrimonjali li setgħet sofriet dik il-persuna. L-azzjoni ta' l-arrikkiment in debitu m'hijiex proponibbli meta l-kreditur danneġġjat seta' jeżerċita azzjoni oħra biex jiġi indennizzat għall-preġudizzju soffert. Fil-fatt hu magħruf illi l-azzjoni *de in rem verso* għandha karattru sussidjarju. (ara. **Emanuel Bartolo v. Victor Micallef** - Prim' Awla - 28 ta' Ottubru, 2004).

20. Huwa ben stabbilit li l-elementi ta' l-*actio de in rem verso* huma s-segwenti:

---

u sostitwit bl-Att dwar il-Koabitazzjoni (Kap. 614) li daħal fis-seħħ fil-5 ta' Ġunju, 2020. Għalkemm il-provvedimenti tal-Kap. 614 ma humiex applikabbli għall-każ odjern, interessanti illi Artikolu 27 (1) (ċ) tal-Kap. 614 jipprovdi illi kull persuna f'koabitazzjoni *de facto* li tkun ilha għaddejja għal aktar minn sentejn għandha fost l-oħrajn il-jedd li tiġi kumpensata għal kull tnaqqis patrimonjali li setgħet sofriet dik il-persuna, fejn il-persuna l-oħra tkun arrikkixxiet ruħha għad-dannu tagħha, skont l-artikoli 1028A u 1028B tal-Kodiċi Ċivili.

a. Persuna kisbet jew vantaġġ jew utilita' minħabba li xi ġid ta' ħaddieħor għadda għandha jew minħabba li xogħlijiet jew servizzi twettqu fi ħwejjiġha bla ma sar il-ħlas għalihom jew b'mod li ġew iffrankati spejjeż lill-parti li b'hekk tkun stagħniet;
b. Il-korrelazzjoni bejn it-tnaqqis tal-ġid tal-parti l-waħda u ż-żieda jew benefiċċju tal-parti l-oħra;
c. In-nuqqas ta' kawża ġusta; u
d. Nuqqas ta' azzjoni oħra.

21. Dawn il-prinċipji ġew riaffermati fis-sentenza **Jan Sammut vs. Vincent Farrugia et**, mogħtija mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fit-23 ta' Novembru 2020:

> "25. Illi huwa aċċettat u stabbilit li tali azzjoni hija mogħtija lil persuna f'dawk il-każijiet fejn ma tistax titressaq la azzjoni ex contractu jew lanqas dik akwiljana mnissla mill-fatt illeċitu jew saħansitra dik maħsuba għar-radd lura tal-ħlas indebitu. Din l-azzjoni hija msejħa sussidjarja għaliex ma tistax tinbeda jekk mhux wara li l-attur ikun fittex għalxejn mod ieħor lil min stagħna bi ħsara tiegħu jew jekk ma jintweriex li ma kien hemm l-ebda azzjoni li setgħet issir;
>
> 26. Illi l-azzjoni hija wkoll, u minħabba dak li għadu kemm ingħad, waħda ekwitativa. Kemm hu hekk, il-prinċipju li jmexxi din l-għamla ta' azzjoni huwa dak li m'huwiex xieraq li persuna tistgħana bi ħsara ta' ħaddieħor (*nemo licet locupletari cum aliena iactura*). Għalhekk, il-limiti tal-azzjoni huma l-qies tal-vantaġġ li t-terza persuna tkun kisbet minħabba l-ispejjeż minfuqa mill-parti attriċi, u għandha l-mira li terġa' trodd l-ekwilibriju bejn il-patrimonju ta' min ikun stagħna u dak tal-parti li tkun għamlet jew nefqet spejjeż biex dan ikun seħħ. Billi din l-azzjoni għandha l-għerq tagħha fl-istitut tal-kważi-kuntratt, irid jintwera li l-fatt huwa wieħed leċitu` u volontarju u li minnu titnissel obbligazzjoni, u li l-fatt ma jkunx seħħ kontra l-projbizzjoni espressa tal-parti interessata;

27. Illi ingħad ukoll li l-elementi li jsejsu l-azzjoni huma (a) li persuna kisbet jew qiegħda tikseb vantaġġ jew utilità minħabba li xi ġid ta' ħaddieħor għadda għandha bla ma sar il-ħlas għalih jew b'mod li ma saritx xi ħaġa li kellha ssir u li kienet ir-raġuni għaliex kien ingħata dak il-ġid; (b) it-tnaqqis mill-ġid tal-parti l-oħra b'titolu lukrattiv; (ċ) ir-rabta bejn it-tnaqqis tal-ġid tal-parti l-waħda u ż-żieda jew benefiċċju tal-parti l-oħra; (d) in-nuqqas ta' raġuni li tiġġustifika l-arrikkiment ta' parti u l-"ftaqir" tal-parti l-oħra u (e) li min laqa' għandu l-ħaġa jew is-servizz stagħna b'dik il-ħaġa jew b'dak is-servizz;"

22. Is-sentenza appena ċitata ġiet iċċitata wkoll mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis-sentenza **Richard Dimech vs. Alessio Zammit et** mogħtija fit-30 ta' Marzu 2022 u kompliet illi din ix-xorta ta' azzjoni:

"[...] għandha l-għan li trodd lura l-ekwilibriju, billi treġġa' lura l-vantaġġ li kiseb il-konvenut minħabba l-ispejjeż li ffranka grazzi għall-ispejjeż magħmula mill-attur. Wara kollox, kif ingħad drabi oħra, din l-azzjoni ġiet estiża għal dawk il-każijiet fejn parti tkun ser tieħu vantaġġ minn fuq persuna oħra mingħajr ma jkun hemm titolu ġuridiku (ara s-sentenza ta' din il-Qorti tal-1 ta' Ġunju, 2007, fil-kawża fl-ismijiet **Stella Darmanin v. Carmel Debono nomine**, fejn saret referenza wkoll għall-kawza **Saliba v. Caruana**, deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' April, 2006, fejn ġie spjegat li element tal-azzjoni hu "in-nuqqas ta' raġuni li tiġġustifika l-arrikkiment ta' parti u l-'ftaqir' tal-parti l-oħra".) Jekk parti jkollha raġuni ġuridika biex iżżomm l-arrikkiment, allura dan ir-rimedju ma jistax jingħata."

23. La fil-premessi u t-talbiet attriċi u lanqas fil-premessi u t-talbiet rikonvenzjonali, ħadd mill-partijiet ma jirreferi dwar jekk kienx hemm xi ħtija ta' naħa jew ta' oħra li wassal għat-tħassir tal-għerusija.

24. L-attur isemmi li l-partijiet kienu "ghamlu diversi snin f'relazzjoni li l-intimata temmet hesrem fis-sena 2019" u li mat-tmiem tal-koabitazzjoni tagħhom huwa ma baqax juża l-mobbli li kien xtara bi flusu u għalhekk qed jitlob li jew jingħata l-mobbli jew il-prezz li huwa ħallas għalihom. Il-konvenuta min-naħa tagħha tgħid li meta kienu għadhom flimkien l-attur kien juża l-mobbli u l-għamara minnu mixtrija u li fi kwalunkwe każ ma kelliex oġġezzjoni li l-attur jieħu dik l-għamara u mobbli.

25. Da parti tagħha l-konvenuta rikonvenzjonanti tippremetti li l-partijiet kienu għamlu s-snin jgħixu flimkien fil-fond tagħha u l-attur rikonvenzjonat "qatt ma hallas l-ebda kera jew ammonti lill-esponenti rikonvenzjonanti bhala kumpens mil-loan tal-post li tħallas l-esponenti rikonvenzjonanti waħedha." Fir-raba premessa imbagħad tgħid li "l-partijiet kienu ser jizzewgu u l-esponenti rikonvenzjonanta hallset l-ammont ta' €6,000 bhala depozitu, liema ammont qatt ma gie rrifondat lilha mir-rikonvenzjonat......" u li għalhekk qed jitlob li jingħata dak li żborzja fil-fond tal-konvenuta.

26. Sabiex tirnexxili l-azzjoni *de in rem verso*, iridu jiġu sodisfatti l-elementi kollha, inkluż ir-rekwiżit li m'hemmx azzjoni oħra li l-attur seta' jagħmel użu minnha. Ma jirriżultax li l-l-attur seta' jirrikorri għal xi azzjoni oħra apparti dik minnu promossa.

27. Fil-każ odjern l-attur irnexxilu jipprova li huwa kien għamel spejjeż konsistenti fix-xiri ta' diversi mobbli u għamara li ġew imqegħda u installati fil-fond tal-konvenuta bil-ħsieb li jgawduhom flimkien matul il-ħajja matrimonjali li kienu qed jipprospettaw. Fil-fatt il-konvenuta stess tikkonferma li l-attur kien xtara bi flusu kċina, wall unit, l-*appliances*, sufan u għamara oħra sabiex titqiegħed fil-fond proprjetà tagħha. Tikkonferma wkoll li l-imsemmija għamara u oġġetti kienu u baqgħu jintużaw minnha u għadha tagħmel hekk sal-lum il-ġurnata. Min-naħa tiegħu l-attur jgħid li l-konvenuta akkumpanjatu meta mar sabiex jixtrihom u li kienet l-istess konvenuta li għażlet kollox, għalkemm ħallas għalihom hu.

28. Relevanti hija s-segwenti parti tax-xhieda tal-konvenuta:

> "Qorti: Jigifieri inti l-kcina u t-tv unit, dawn qeghdin hemm.
>
> Xhud: Iva.
>
> Qorti: Jigifieri dawn jintuzaw illum.
>
> Xhud: Iva.
>
> Qorti: Jigifieri int qed tghid li dawn m'ghandhomx jibqghu hemm? Ghandhom jinqalghu qed tghid?
>
> Xhud: Le.
>
> Qorti: Trid li jinqalghu din il-kcina u t-tv unit?
>
> Xhud: Le.
>
> Qorti: Tridhom jibqghu fid-dar tieghek.
>
> Xhud: Ezatt"[8]

Nonostante li l-konvenuta tgħid li qabel dawn l-affarijiet inxtraw a spejjeż tal-attur hija kellha biex tinqiegħda, illum il-ġurnata hija kuntenta b'dik l-għamara u ma tridx li tinqala'. Wisq anqas ma ġie kkontestat min-naħa tal-konvenuta li l-għamara mobbli magħżula taqbel mal-kumplament tal-għamara. B'dan għalhekk l-ewwel żewġ elementi suindikati ġew sodisfatti. Imissi jiġi meqjus it-tielet rekwiżit, u ċioe n-nuqqas ta' kawża ġusta.

29. Ċertament li meta l-attur mar jgħix mal-konvenuta u għamel spejjeż fil-proprjetà tagħha huwa għamel hekk għaliex kien qiegħed jara futur mal-konvenuta f'rabta matrimonjali. Il-kawża għal dawk l-ispejjeż kienet waħda ġusta. L-arrikiment inġust twieled mal-mument li l-għerusija ta' bejniethom tħassret u l-partijiet ma baqgħux jgħixu aktar flimkien filwaqt li l-mobbli u għamara mixtrija mill-attur baqgħu fil-fond tal-konvenuta u baqgħu jiġu utilizzati minnha sallum.

[8] Fol 105 et seq tal-proċess.

30. In tema legali ssir referenza għas-sentenza **Joseph Grech et vs. John Amato et** mogħtija mill-Prim'Awla fil-31 ta' Jannar 2001:

> "Illi minn dejjem ġie meqjus li t-tħassir tal-għerusija minn xi waħda mill-partijiet m'huwiex raġuni biex wieħed jaħseb jew jifhem li l-ħtija tat-tħassir isseħħ minħabba l-persuna li ħadet id-deċiżjoni li ttemmha. L-iżjed importanti huwa li wieħed isib x'kienet ir-raġuni li għaliha dik il-persuna kienet imqegħda f'sitwazzjoni li jkollha tħassar dik l-għerusija [ara sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-6 ta' Lulju, 1992 fil-kawża fl-ismijiet **Emanuel Borg *vs*. Therese Barbaro** (Kollez. Vol. LXXVI.iii.630)];"

31. Fil-każ odjern il-konvenuta xhedet illi għażlet li twaqqaf ir-relazzjoni li kellha ma' l-attur għaliex l-attur kien bired fil-konfront tagħha, u anke irrikorrew għall-għajnuna għand *counsellor* pero' s-sitwazzjoni ta' bejniethom ma mmeljoratx. Tgħid ukoll illi l-attur ma kienx jikkontribwixxi finanzjarment daqskemm kienet tikkontribwixxi hi għall-ħajja ta' kuljum.

32. Meta ħadet in konsiderazzjoni l-provi kolllha miġjuba l-Qorti ma tqisx illi d-deċiżżjoni tal-konvenuta li ttemm l-għerusija kienet waħda kapriċċuża jew magħmula b'intenzjonijiet ulterjuri sabiex tieħu gwadann minn fuq l-attur. Ġaladarba l-partijiet f'xi żmien qabel it-tħassir tal-għeruzija tagħhom irrikorrew għall-għajnuna professjonali kien rilevanti kieku xi ħadd mill-partijiet sejjaħ jixhed lill-*counsellor* sabiex jiġi muri li l-ostaklu għaż-żwieġ kien wieħed ta' natura gravi u fondat. Ħadd mill-partijiet ma inkluda lill-*counsellor* fil-lista tax-xhied, wisq anqas intalab permess sabiex jixhed/tixhed. Huwa prinċipju ewlieni tad-dritt illi min jallega jrid jipprova. Il-Qorti ma tqisx illi tresqu provi sodisfaċenti sabiex jista' jingħad li t-tħassir tal-għerusija tal-partijiet kien tort ta' naħa jew oħra. Il-konvenuta spjegat li hija ma kinitx kuntenta kif kienu sejrin l-affarrijiet bejniethom u minn qabel bdew il-preparamenti għat-tieġ hija ma kinitx konvinta li riedet tiżżewweġ lill-attur, tant li tgħid li l-preparamenti kienu qegħdin isiru kontra qalba.

33. Ingħad fis-sentenza **Josef Grech vs. Joanne Testa** fuq ċitata li "r-raguni vera li spingiet lill-konvenuta thassar ir-relazzjoni ta' bejniethom kienet li hija ma kienitx kuntenta u ma kienitx daqshekk konvinta li riedet tizzewweg lill-attur. Din fil-fehma tal-Qorti ma tikkwalifikax bhala raguni gravi fis-sens fuq indikat; u ghalhekk it-thassir unilaterali tal-gherusija da parti taghha f'dan il-kaz jirrizulta ingustifikat u ghalhekk jattira r-responsabilita' ghad-danni konsegwenzjali."

34. In vista li l-konvenuta naqset milli tipprova l-allegazzjoni tagħha li għat-tħassir tal-għerusija kien jaħti unikament l-attur, il-Qorti tikkonkludi li l-arrikkiment da parti tal-konvenuta kien mingħajr kawża ġusta u għalhekk huwa indebitu.

***Rimedju dwar l-Arrikkiment Indebitu.***

35. Il-Qorti ma tqisx illi bħala rimedju għall-arrikkiment indebitu da parti tal-konvenuta għandha tordna li l-mobbli mixtrija mill-attur jingħataw lura lilu tenut kont li dawn inxtraw speċifikatament għall-ambjenti tal-fond tal-konvenuta; intgħażlu primarjament mill-konvenuta u sallum il-konvenuta weħidha ilha tagħmel użu minn dawn il-mobbli għal aktar minn erba' snin. Il-Qorti tqis li jkun ġust u ekwu li sabiex jintlaħaq l-ekwilibriju meħtieġ f'ċirkostanzi bħal dawn il-konvenuta tiġi ordnata tħallas l-ispejjeż li l-attur ħareġ sabiex intraw dawk il-mobbli.

36. L-attur jissostanzja l-pretensjoni tiegħu dwar id-danni minnu subiti b'konsegwenza tal-arrikkiment indebitu da parti tal-konvenuta billi eżebixxa numru ta' riċevuti rilevanti:

a. Kċina u *tv unit* (€22,200)
b. *Appliances* (€4,000)
c. Għamara oħra (€1,230)
d. Sufan (€3,470)

e. Aperturi (€469.08 – dan huwa terz l-ammont fuq l-irċevuta għaliex iż-żewġ terzi l-oħra tħallsu mis-sidien tal-appartamenti l-oħra)
f. Intercom (€327.25 – nofs l-ammont fuq l-irċevuta billi n-nofs l-ieħor tħallas mis-sidien tal-appartamenti l-oħra)

37. Il-Qorti eżaminat dawn l-irċevuti u tosserva li fl-ewwel erba' irċevuti hemm isem l-attur fuqhom, hemm prova li sar il-ħlas tagħhom u anke ġie kkonfermat mill-konvenuta li kien l-attur li ħallas għall-istess. Anke l-ispejjeż dwar l-intercom ġie aċċettat mill-konvenuta li dawn ħariġhom l-attur.

38. Il-konvenuta però tikkontesta li l-aperturi nxtraw mill-attur u tgħid li dawn kienu diġà lesti meta huwa mar joqgħod magħha. Apparti tali dikjarazzjoni ġuramentata, din il-Qorti tosserva li l-irċevuta relativa ma ġibx isem l-attur. Tqis li tali ammont ma ġiex sodisfaċentement ippruvat.

39. Fir-rigward tal-intercom, għalkemm il-konvenuta tikkonferma li kien l-attur li ħallas parti mill-ispejjeż tal-intercom u kien hu li installaha, il-Qorti tinnota li l-irċevuta ppreżenta hija datata 19 ta' Ġunju 2019 u ċioe data wara li l-kontendenti ma baqgħux jgħixu flimkien, apparti wkoll li ma hemm ebda prova li sar ħlas tagħha.

40. Id-dannu għalhekk soffert mill-attur qed jiġi likwidat fis-somma ta' wieħed u tletin elf, mitejn u sebgħa u għoxrin ewro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€31,227.25).

**Kontro-talba**

41. Il-konvenuta rikonvenzjonanti resqet żewġ talbiet per via rikonvenzjonali, l-ewwel waħda sabiex il-Qorti tordna lill-attur rikonvenzjonat iħallasha s-somma ta' €6,000 rappreżentanti depożitu minnha magħmul b'rabta maċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ li l-partijiet kienu qed jippjanaw; u t-tieni waħda sabiex l-attur rikonvenzjonat iħallasha s-somma ta' €8,400 bħala kumpens għaż-żmien li dam jgħix magħha.

42. Għalkemm l-**Artikolu 396 tal-Kapitolu 12** jipprovdi li t-talba fil-kontro-talba trid tkun konnessa mat-talba tal-attur, fl-istess ħin huma żewġ azzjonijiet indipendenti minn xulxin (ara **Artikolu 401**) tant li jekk fil-mori tal-kawża l-azzjoni attriċi tiġi ċeduta l-azzjoni rikonvenzjonali tista' tkompli tiġi trattata u deċiża. L-ebda waħda mill-eċċezzjonijiet sollevati mill-attur rikonvenzjonat ma tattakka l-kontro talba mill-aspett proċedurali.

43. Rilevanti s-sentenza **L-Avukat Dottor Kevin F. Dingli et nomine vs Surgiquip Limited** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis-16 ta' Diċembru 2003, fejn ġie osservat li:

> "jekk f'dawk il-proceduri tigi proposta kontro-talba, li wara kollox ghandha l-aspetti kollha ta' citazzjoni indipendenti, u bhala rizultat jkun jidher li l-konvenut huwa wkoll kreditur ta' l-attur, anke b'rispett lejn il-principju li ma ghandux ikun hemm multiplicita' ta' proceduri zejda bejn l-istess kontendenti, l-krediti reciproci ghandhom jigu pacuti.".

44. Appena huwa neċessarju jiġi riaffermat l-oneru tal-konvenut rikonvenzjonanti li jipprova dak minnu allegat fit-talbiet rikonvenzjonali għaliex il-liġi stess tipprovdi li "l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah."[9]

45. Kif intqal mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza **Roland Schaffrath vs. Travel TV plc**, tat-28 ta` Ġunju 2001:

> "l-Qorti trid taghmilha cara li f`kull kawza, l-attur irid jipprova l-kaz tieghu u dan fi grad xieraq kif imfisser fir-regoli ewlenin tal-ligi tal-procedura u skond il-haqq. Attur

[9] Artikolu 562 tal-Kapitolu 12.

ma jistax inehhi minn fuqu dan l-obbligu billi jappella ghas-sens ta` hniena jew dehen arbitrali tal-gudikant minghajr ma jaghti hjiel ta` prova ta` dak li qed jitlob.”[10]

46. Il-Qorti tqis li f'dan il-każ, il-konvenuta rikonvenzjonanti ma ressqet l-ebda prova sodisfaċenti dwar kif waslet għall-ammont ta' €8,400 minnha reklamat. Kulma kkonfermat kien li meta l-intimat kien jgħix magħha, huwa kien jiddepożita €100 fix-xahar fil-kont bankarju li kien jinżamm konġunt. Tgħid li hija wkoll kienet tiddepożita €100 fix-xahar però €200 fix-xahar ma kinux biżżejjed sabiex ikopru l-ispejjeż tagħha u kienet tispiċċa toħroġ aktar flus hi. Il-konvenuta naqset milli tressaq provi dwar xi ħlasijiet kienu jsiru minnha biss. Fir-rendikonti ppreżentati ma deherx fil-fatt li l-konvenuta kienet qiegħda attwalment tiddepożita aktar mill-attur rikonvenzjonat.

47. Ma jirriżultax li qatt kien hemm ftehim bejn il-partijiet li l-attur iħallas lill-konvenuta kumpens talli kien qed jgħix fid-dar tagħha. Lanqas irriżulta li l-attur kien qed jirrisjedi mal-konvenuta bi ħsieb qarrieqi sabiex jagħmel gwadann indebitu tenut kont l-ammont ta' spejjeż li ħareġ sabiex tiġi arredata aħjar id-dar li l-partijiet kellhom fi ħsiebhom li tkun id-dar matrimonjali futura tagħhom.

48. Il-Qorti tqis illi l-konvenuta rikonvenzjonanti ma ssodisfatx l-oneru impost fuqha li tipprova sal-grad rikjrest mil-liġi li għandha jedd titlob mingħand l-attur is-somma minnha reklamata ta' €8,400.00.

49. Dwar it-talba rikonvenzjonali għas-somma ta' €6,000 rappreżentanti depożiti għat-tieġ jirriżulta mill-provi mressqa illi fil-maġġorparti tagħhom dawn id-depożiti tħallsu nofs kull wieħed u waħda mill-partijiet. Skont il-ġurisprudenza[11] sabiex tirnexxi azzjoni bħal din jeħtieġ li jikkonkorru s-segwenti elementi (a) l-eżistenza ta' għerusija bejn il-partijiet

[10] Enfasi miżjud.

[11] **Jennifer Zahra vs. Ian Bonello** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) mogħtija fis-26 t'April 2013.

u l-kapaċità legali tagħhom sabiex jikkuntrattaw tali għerusija, (b) ir-reżiliment inġust tal-għerusija u (ċ) danni materjali konsegwenti għar-reżiliment.

50. Irriżulta pprovat li bejn ż-żewġ partijiet kien hemm stat ta' għerusija iżda sabiex parti jkollha jedd tfittex għad-danni konsegwenzjali għat-tħassir tal-għerusija jeħtieġ li tipprova li r-reżiliment tal-għerusija kien wieħed inġust..

51. In tema legali ssir referenza għas-sentenza **Adolf Mangion vs. Maria Farrugia** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fil-25 ta' Jannar 2006:

> "Bla dubju l-weghda taz-zwieg tikkostitwixxi veru u proprju kuntratt bilaterali vinkolanti. In kwantu tali, ma jistax jithassar jekk mhux bil-kunsens reciproku tal-partijiet jew ghal ragunijiet validi fil-ligi. (**Kollez. Vol. XLIII P I p 805**). Skond din l-istess sentenza dawn ir-ragunijiet iridu jkunu gravi biex jillegittimaw lil wahda mill-partijiet li thassar l-gherusija. Ara wkoll **Kollez. Vol. XXII P I p 26** u **Vol. XLI P II p 1051**. Jinsab in effetti rimarkat fid-decizjoni riportata a **Vol. XLVIII P I p 517** illi "l-kawza gusta li taghti lok ghar-resiliment tal-gherusija ghandha tigi ravvisata f' ostakolu jew impediment ta' natura gravi, u jrid ikun fondat, u mprevedibbli;"

52. Dan l-element diġà ġie trattat taħt it-talba prinċipali fejn ġie konkluż li ma ġiex muri b'mod konvinċenti li t-terminazzjoni tal-għerusija mill-konvenuta kien wieħed ġustifikat u dan għar-raġunijiet mogħtija aktar 'l fuq. Il-Qorti tista' tieqaf hawn stante li dan it-tieni element huwa nieqes. Iżda għall-kompletezza ser tagħmel l-osservazzjonijiet tagħha wkoll fuq id-danni allegatament sofferti.

53. Fil-każ in eżami ma kien ebda skrittura u għalhekk in linea mal-ġurisprudenza sukwotata t-talba tal-konvenuta rikonvenzjonanta għall-ħlas tad-danni riżultat tat-terminazzjoni tal-għerusija għandha validità limitatament għad-danni materjali bażata fuq id-dispożizzjonijiet ġenerali tal-Kodiċi Ċivili u senjatament l-Artikolu 1031 li jiddisponi li

kulħadd għandu jwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu. Dawn id-danni wkoll għandhom jiġu ppruvati mill-konvenuta rikonvenzjonanta ġaladarba hija hi li qiegħda tallega tali dannu u dan skond il-massima *onus probandi incumbit et qui dicit non ei qui negat*. Għalhekk sabiex tirnexxi din it-talba wkoll, il-konvenuta rikonvenzjonanta trid tipprova li hi personalment sofriet danni materjali konsegwenzjali għar-reżiliment inġust.

54. Il-Qorti tinnota li għal kull depożitu li għamlet il-konvenuta, l-attur kien qiegħed iħallas is-sehem tiegħu tad-depożitu. Hija fil-fatt tikkonferma li l-attur rikonvenzjonat kien ħallas is-sehem tiegħu tad-depożitu; dak li qiegħda tippretendi huwa l-ħlasijiet da parti tagħha. Tispjega li dan għandu jsir għaliex kienet ilha żmien tgħidlu biex iwaqqfu l-preparamenti għat-tieġ:

> "Maria Refalo: Ezatt. Jiena kont ilni nghidlu nwaqqfu l-affarijiet.
> Il-Qorti: Jigifieri inti raguni proprja ghaliex qed titlob (id-depożiti) ghax inti ssostni li kont tghidlu biex twaqqfu l-preparamenti u hu ma xtaqx dik hija r-raguni?
> Maria Refalo: Fuq din il-haga iva."

55. Huwa ben saput li d-danni għandhom ikunu minimizzati u fejn possibbli jiġu evitati kompletament. In oltre huwa wkoll stabbilit li jekk il-parti li tbagħti l-ħsara tkun b'nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb ikkontribwiet jew tat okkażjoni għall-ħsara, tali danni għandhom jitħallsu minn dik il-parti.

56. Mix-xhieda tal-konvenuta stess jirriżulta li qabel l-attur ippropona li jiżżewġu, hija kellha diġà d-dubji tagħha kemm għandha tkompli bir-relazzjoni ma' l-attur. Ciononostante l-attriċi bdiet u kompliet bil-preparamenti tat-tieġ inkluż ix-xiri tal-libsa għal dik l-okkażżjoni. bil-fatt li ma ġiex ippruvat sodisfaċentement li l-għerusija tal-partijiet tħassret tort tal-attur rikonvenzjonat, il-Qorti ma tqisx li l-konvenuta rikonvenzjonanti seħħilha tipprova li għandha jedd tirkupra mingħand l-attur id-depożiti li hija, bħal l-

attur, ħallset in konnessjoni maċ-ċelebrazzjoni tat-tieġ li kienu qegħdin flimkien jippjanaw.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi t-talbiet attriċi u t-talbiet rikonvenzjonali bil-mod segwenti:

1. **Tilqa' in parte** l-ewwel talba attriċi, tiddikjara illi l-attur ħareġ is-somma ta' wieħed u tletin elf, mitejn u sebgħa u għoxrin ewro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€31,227.25) għax-xiri ta' għamara u oġġett mobbli sabiex jarreda l-flat numru tlieta (2) fil-fond numru mija u disgħa u għoxrin (129), Triq Wied il-Għajn, Żabbar, proprjeta' tal-konvenuta;

2. **Tilqa'** t-tieni talba attriċi;

3. **Tilqa'** t-tielet talba attriċi, tikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-attur is-somma imsemmija ta' €31,227.25, bl-imgħax legali millum sad-data tal-pagament effettiv;

4. **Tiċħad** it-talbiet rikonvenzjonali;

**Bl-ispejjeż** kontra l-konvenuta.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
26 ta' Settembru, 2023

**Lydia Ellul**
**Deputat Reġistratur**